ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 03/25**

**Data:** It-Tlieta, 11 ta' Marzu 2025
**Ħin:** 6.15pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku
Enya Abela - Kunsilliera
Christian Attard - Kunsillier
Anthony Aquilina - Kunsillier (Mis-6.23pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Online)
Roderick Caruana - Kunsillier (Skużat)
Ivan Giardina - Kunsillier (Sat-7.48pm)
Luke Doublet - Kunsillier (Skużat)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**03.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**03.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**03.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**03.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**03.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**03.06** **Ġnien Brejġu;**
**03.07** **Ġieh iż-Żejtun;**
**03.08** **Festa San Girgor;**
**03.09** **Vjal Kulħadd;**
**03.10** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**03.11** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**03.12** **Mozzjonijiet; u**
**03.13** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**03. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ ittri ta' aploġija mingħand Caruana Roderick u Doublet minħabba xogħol u mard. | |

**03. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Sindku<br>Sekondant: Giardina | Il-Minuti 02/25 inqraw u ġew approvati nem.con. Mingħajr korrezzjonijiet. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**03. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2 2 | | Aquilina: Karnival | Aquilina qal li l-attivita' kienet suċċess. L-unika problema hija l-finanzi peress li huma limitati. Żid li għandu jkun il-kunsill li jiddeċidi fejn jittellgħu l-attivitajiet u mhux l-għaqdiet. Irringrazzja lil dawk kollha li ħadu sehem. Is-Sindku qalet li l-Qarċilla kienet tajba ħafna. | Aquilina |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 2 | 3 | | Aquilina: Żjara fl-iskola | Aquilina qal li mar l-iskola Primarja B u għamel preżentazzjoni lil studenti u kienet interessanti u ntlaqat tajjeb ħafna. | Aquilina |

**03 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/25 B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 3 | 1 | | Sindku: Konferenza Stampa Restawr Kappella Sta. Marija | Is-Sindku qalet li l-konferenza stampa ser issir fit-28 ta' Marzu fl-10am. Ser ikun hawn il-Ministru Owen Bonnici. | Sindku |
| 03 | 3 | 2 | | Sindku: Ġemellaġġ mal-Palestina | Kellna stedina mill-Ambaxxatur tal-Palestina. Talabna sabiex isir il-ftehim ta' ġemellaġ. Mas-Sindku mar ukoll il-kunsillier Attard. Interessa ruħu fil-logħba tal-boċċi u jixtieq li jiltaqa' mal-kunsill il-ġdid. | Sindku |
| 03 | 3 | 3 | | Sindku: Triq il-Qadi | Ix-xogħol fi Triq il-Qadi għaddej tajjeb u jidher li kien hemm problema quddiem l-ispiżerija. Qed nitolbu li jsiru l-culverts li jwasslu l-ilma sal-ġibjun. Abela staqsiet jekk hux ser issir ukoll Daħlet il-Qadi. Is-Sindku wieġbet li ser tinsisti sabiex din issir. Is-Sindku qalet li l-bankini qed isiru u kien hemm xi problemi minħabba xi garaxxijiet li huma baxxi u importanti li l-ilmenti jaslu l-kunsill. | Sindku |
| 03 | 3 | 4 | | Sindku: *Child Minding* | Is-Sindku qalet li ħarġu l-applikazzjonijiet taċ-Child minding għal waqt l-laqgħat. Ser inkunu qed napplikaw għal Camilleri. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03 | 3 | 5 | | Sindku: Dawl fi Ġnien iż-Żgħożija | Is-Sindku qalet li d-dawl fi Ġnien iż-Żgħożija ssewwa u reġa mar. Ser niċċekjaw fejn hemm il-problema u sakemm tissolva ser isiru żewġ rifletturi temporanji. Giardina staqsa dwar id-dawl f'Ħal Tmin. | Sindku / Viċi-Sindku |
| 03 | 3 | 6 | | Sindku: Dawl fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok | Is-Sindku qajmet il-punt li l-affarijiet li jinkitbu Facebook iridu jkunu mpoġġija b'responsabilta'. Is-Sindku qalet li hi diġa' kellha laqgħa ma' IM u qalulna li kienu ser isiru. Il-Viċi-Sindku sostna l-punt li hu ma kiteb xejn biex jattaka l-entitajiet. Giardina qal li għandha tittieħed azzjoni kontra min qed jagħmel il-ħsara. | Sindku |
| 03 | 3 | 7 | | Sindku: Triq il-Għadam | Is-Sindku qalet li Triq il-Għadam dalwaqt ser issir. | Sindku |
| 03 | 3 | 8 | | Sindku: Misraħ Mikiel Anton Vassalli | Is-Sinku qalet li x-xogħol minn IM huwa lest u ġie tajjeb ħafna. | Sindku |
| 03 | 3 | 9 | | Sindku: Studenta mill-Erasmus | Is-Sindku qalet li bħalissa għandna studenta Spanjola li qed tiġi fl-uffiċini tal-kunsill. | Sindku |
| 03 | 3 | 10 | | Sindku: Nominazzjoni | Is-Sindku qalet li bħala kunsill ser ninominaw lil PS Hertian Vassallo għal Role Model Public Awards. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 3 | 11 | | Sindku: Wirja f'Jum il-Mara | Is-Sindku qalet li ser issir wirja għal Jum il-Mara minn Artisti nisa ġewwa l-Istitut Ġesu Nazzarenu. Saritilhom stedina sabiex jiġu l-Kunsill sabiex jaraw l-arti li għandna. | Sindku |
| 03 | 3 | 12 | | Sindku: Teatru fil-Kunsill | Ġiet avviċinata minn Sur Andre Mifsud sabiex issir Teatru ġewwa l-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan li juża l-post. | Sindku |
| 03 | 3 | 13 | | Sindku: Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa ma' IM fejn ġew sabiex jaraw kif ser isir ix-xogħol tal-grass pavement kif ukoll id-dawl. Tqajjmet diskussjoni dwar il-monument li kien hemm u kellu jitneħħa kif ukoll x'ser isir fid-daħla taż-Żejtun. | Sindku |
| 03 | 3 | 14 | | Sindku: ATM fir Triq il-Pres. Anton Buttigieg | Is-Sindku qalet li fi Triq il-President Anton Buttigieg k/m Triq il-Għadam ser issir ATM tal-HSBC. Bħala kunsill ma' dan ma jaqbilx peress li ser tkun ta' periklu. Attard spjega li l-keep clear xorta ssir peress li jridu jieqfu bil-flus quddiem l-ATM. | Sindku |
| 03 | 3 | 15 | | Żejt iż-Żejtun: SPI.SCI.02.2025-Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li bħal kull sena ser inkunu qed inressqu l-applikazzjoni għall-fondi kulturali relatati ma' Żejt iż-Żejtun 2025. Din tressqet għall-approvazzjoni u kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku fakkret li l-attivita' għall din is-sena ser issir bejn is-Sibt 25 t'Ottubru u l-Ħadd, 26 ta' Ottubru 2025. | Segretarju Eżekuttiv / Sindku |
| 03 | 3 | 16 | 03 | Earth Hour | Kien hemm qbil li għandu jintefa l-Olive Twist u l-binja tal-Kunsill fit-22 ta' Marzu. | |
| 03 | 3 | 17 | 04 | Reġjun Nofsinhar | Għandna stedina għat tnedija fis-17 ta' Marzu. Exiting Minds and Bodies. | |
| 03 | 3 | 18 | 13 | Maria Debono - Triq Hector Dalli | Ser inkunu qed naraw il-problema u nitkellmu mal-bejjiegħ tal-ħaxix. | |
| 03 | 3 | 19 | 14 | | Tressaq għall-approvazzjoni monitor li ser jintrema. Kien hemm qbil li dan jiġi disponut. | |

**03. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 4 | 1 | | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss | |

**03. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 5 | 1 | | Attard | Attard qal li għada għandu laqgħa mal-Faces sabiex jiġu mibdula l-bus shelters kollha taż-Żejtun | Attard |

**03. 6.** **Ġnien Brejġu;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 6. | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li x-xogħol beda u ġew l-ERA sabiex jaraw minħabba s-siġar li hemm u li jridu jiġu riallokati fl-istess ġnien. | |

**03. 7.** **Ġieh iż-Żejtun;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 7 1 | | Aquilina | Aquilina qal li l-preparamenti għaddejjien. Fakkar li ser jibda fis-7.30pm. Ta spjegazzjoni dettaljata kif ser jimxi l-programm u min ser jippreżenta l-awards. Qal li ser ikun hemm Corazon kif ukoll vjolinista. Ser jindaqq l-innu taż-Żejtun fil-bidu tas-serata. Callus Garden Centre ser itina l-pjanti b'xejn. | |

**03. 8.** **Festa San Girgor;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li l-festa minn naħa tal-knisja ser issir filgħaxija fejn ser jiġu mistiedna l-fratellanzi kollha ta' Malta. Ser attivita' lejliet minn Wirt iż-Żejtun. L-Erbgħa filgħodu ser issir il-mixja mix-XirCammini sa San Girgor kif ukoll ser jintramaw bankarelli kif ukoll ser issir wirja bil-bnadar taljani. L-Għaqdiet ser ikunu qed jagħllmu t-tfal kif issir il-liedna. Ser ikun hemm l-għannejja fuq karettun. | Sindku |

**03. 9.** **Vjal Kulħadd;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 9. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li IM ser toganizza attivita' għall-familja kollha fit-23 ta' Marzu fejn ser tiġi nawgurata Triq Ħaż Żabbar li issa hija lesta. Ser ikun hemm diversi stalls fosthom l-għaqdiet tal-lokal. Kulħadd huwa mistieden. | |

**03. 10.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 10. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li għal sena oħra ser issir l-attivita' tas-sebgħa visti. | Sindku |
| 03. 10. 2 | | Enya | Abela qalet li qed nilqgħu applikazzjonijiet għal Weight Management Programme li ser isiru nhar ta' Erbgħa u l-Ġimgħa. Ser jibda fit-2 t'April għal 8 ġimgħat u ser tkun bla ħlas. | Abela |
| 03. 10. 3 | | Enya | Abela qalet li fit-13 ta' Lulju ser ikollna fostna l-Mobile Blood Donation Unit. | Abela |
| 03. 10. 4 | | Attard | Attard qal li attenda għal laqgħa dwar Sustainable Mobility. Semma l-kunċett li qed isir fi Triq Ħaż Żabbar | Attard |
| 03. 10. 5 | | Camilleri | Camilleri qalet li ser issir attivita' mal-iskola primarja B dwar Let's Talk Farming u ser titħawwel siġra fi Ġnien Tal-Kmand. Kulħadd huwa mistieden. | Camilleri |
| 03. 10. 6 | | Camilleri | Camilleri qalet li ser ikollna żewġ studenti franċiżi ġewwa l-Manuċċa Child Day Care Centre. | Camilleri |

| 03. | 11. | | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti; | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 11. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/25 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 11. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 03/25 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 11. 3 | | *Petty Cash* - Frar 2025 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Frar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €230.79 | Segretarju Eżekuttiv |
| | | | Aquilina | Aquilina talab sabiex tiġi approvata invoice mill-Għaqda Banda Żejtun li tammonta għal €1000 peress li fl-iskeda ma laħqitx daħlet. Dwar dan kien hemm qbil. | |

| 03 | 12 | | Mozzjonijiet; u | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 12 1 | | Attard | Attard ressq mozzjoni sabiex Triq Ħal Bajda tinbidel għal Triq Lixandra. Is-Sqaq jibqa' Sqaq Ħal Bajda. Kien hemm qbil unanimu li ssir l-applikazzjoni mat-tismija tat-toroq. | Attard |

| 03 | 13 | | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8:50pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 7 t'April 2025 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joan Agius | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |